

IT-TRIBUNAL GHAS-SERVIZZ PUBBLIKU

Rikors ippreżentat fit-8 ta' Jannar 2015 – ZZ vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-2/15)

(2015/C 096/31)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: ZZ (rappreżentant: A. Véghely, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Suġġett u deskrizzjoni tat-tilwima

Annnullament tad-deċiżjoni li tirrifjuta lir-rikorrent allowance tal-installazzjoni u allowance ta' kuljum u talba sabiex il-Kummissjoni tiġi ordnata tħallas l-imsemmija allowances bl-interessi.

Talbiet

- jannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Marzu 2014 sa fejn din tirrifjuta lir-rikorrent l-allowance tal-installazzjoni u l-allowance ta' kuljum previsti fl-Artikolu 5(1) u fl-Artikolu 10(1) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal;
- jorda lill-Kummissjoni tħallsu l-allowance tal-installazzjoni u l-allowance ta' kuljum sa minn meta daħal fis-servizz, flimkien mal-interessi mid-data ta'meta dawk l-ammonti saru dovuti skont l-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal; u
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fid-9 ta' Jannar 2015 – ZZ u ZZ vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża F-3/15)

(2015/C 096/32)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: ZZ u ZZ (rappreżentanti: J.-N. Louis u N. de Montigny, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Suġġett u deskrizzjoni tat-tilwima

Annnullament tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jiċħdu t-talbiet tar-rikorrenti għar-imbors ta' parti mill-kontribuzzjoni u għall-iskema ta' pensjoni tal-Unjoni Ewropea li tnaqqsu mir-remunerazzjoni tagħhom kif ukoll it-talba għall-evalwazzjoni mill-ġdid tal-akkreditazzjoni relatata mat-trasferiment tad-drittijiet għall-pensjoni miksuba qabel id-dħul fis-servizz lejn l-iskema tal-Unjoni Ewropea.

Talbiet tar-rikorrenti

- tiddikkjara inapplikabbi l-Artikolu 22 tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal fil-verżjoni fis-seħħ sa mill-1 ta' Novembru 2014;
- tannulla d-deċiżjoni kkontestati;
- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fit-12 ta' Jannar 2015 – ZZ et vs Il-Kummissjoni**(Kawża F-4/15)**

(2015/C 096/33)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrenti: ZZ et (rappreżentanti: C. Bernard-Glanz, N. Flandin u S. Rodrigues, avukati)**Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea***Suġġett u deskrizzjoni tat-tilwima**

L-annullament tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li japplikaw għas-salarji u għall-pensjonijiet tar-rikorrenti l-adattamenti previsti bir-Regolamenti Nri 422/2014 u 423/2014 rispettivavment għas-snin 2011 u 2012 u t-talba għad-danni fir-rigward tad-dannu materjali subit.

Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla d-deċiżjonijiet kkontestati u, fejn meħtieġ, id-deċiżjonijiet li jiċħdu l-ilmenti;
- tikkundanna lill-konvenut tħallashom l-arretrati fuq ir-remunerazzjoni li jikkorrispondu għal adattament tas-salarji u tal-pensjonijiet tagħhom bir-rata ta' 1,7 % fl-2011 u fl-2012, bħala kumpens għad-dannu materjali finanzjarju, miżjud bl-interessi moratorji bir-rata tal-Bank Ċentrali Ewropew, miżjud b'żewġ punti, mid-data tas-sentenza li tingħata;
- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fid-19 ta' Jannar 2015 – ZZ vs Il-Kummissjoni**(Kawża F-5/15)**

(2015/C 096/34)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrenti: ZZ (rappreżentanti: S. Orlandi u T. Martin, avukati)**Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea*